# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgha 26 ta' Mejju 2017**

**Numru 21**

**Citazzjoni numru 146/03 GC**

**Pierre George u Anna konjugi Grech**

**v.**

**Perit Philip u Louisa konjugi Grech,**
**Emmanuel u Maria Dolores sive Doris konjugi Pisani u**
**Christian u Maria konjugi Pisani**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li l-atturi ppreżentaw fil-11 ta' Frar, 2003, u li jaqra hekk:

> "Peress illi l-atturi kienu inkarigaw lill-konvenuti li jaccettaw sia bhala perit u inginier civili biex ikunu responsabbli professjonalment ghal bini ta' detached villa fi struttura ta' tlett sulari li kellha tinbena f'Plot A u B' Kara Road, Attard li llum ggib l-isem El Shaddai.
>
> "Peress illi l-atturi qabbdu biex jaghmlu dan ix-xoghol il-konvenuti fuq parir tal-perit konvenut u dan bhala kuntratturi u dan dejjem taht

is-sorveljanza tal-perit arkitett konvenut u skond il-pjanti u disinji mhejja minnu.

“Peress Illi l-konvenuti kellhom jibnu ghall-atturi l-binja skond permessi kollha mehtiega u mahruga mill-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar kif ukoll bid-dimensjonijiet kollha kif sottomessi mill-istess perit arkitett.

“Peress illi l-atturi gibdu l-attenzjoni diversi drabi lill-perit arkitett ghaliex il-binja taghhom fil-livell tal-basement inbniet bit-travi u mhux bil-planki kif solitament isir u dan bi spejjez aktar ghall-atturi kif ukoll ghal xi xogholijiet zejda li kienu qed isiru fiha.

Illi l-perit konvenut insista illi x-xoghol minnu interkors huwa dak li solitament isir f’binji tat-tip li kienu qed jibnu l-atturi.

“Peress illi jirrizulta l-konvenut perit arkitett ghamel ‘overdesign’ ghal-kostruzzjoni li kellha tinbena fil-plot fuq imsemmija u ghalhekk l-atturi hallsu zejjed is-somma ta’ Lm5909.37 oltre l-imghax legali mill-15 ta’ Lulju 2001 u dan skond stima tal-Perit Philip Azzopardi datata 18 ta’ Dicembru 2002 mmarkata bhala Dokument A

“Peress illi l-atturi interpellaw lil perit konvenut jersaq ghar-rifuzjoni tas-somma fuq imsemmija kif ukoll ta’ danni ohra minnhom sofferti.

“Peress illi wara xi xhur li tlesta x-xoghol ta’ kostruzzjoni tal-ewwel sular l-atturi ndunaw ukoll illi wiehd mit-travi fl-ewwel sular kien qasir u ma jiflahx il-piz ta’ dak li kien qed igorr fuqu, tant illi zviluppaw konsenturi li jehtieg li ttiehed attenzjoni rimedjali immedjata stante illi f’kaz ta’ bini jew piz iehor fuq l-istess travu jizviluppa fi hsarat ingenti.

“Peress illi l-atturi soffrew danni ukoll konsistenti fl-esekuzzjoni ta’ xoghol hazin u mhux skond is-sengha u l-arti mill-konvenuti u cioe’ fost l-affarijiet ohra talli poggew travu iqsar milli dak li kien mehtieg fic-cirkostanzi tant li zviluppaw konsenturi.

“Peress illi l-konvenuti gew interpellati biex jersqu ghal-likwidazzjoni ta’ danni minnhom kagunati, pero’ baqghu inadempjenti, konsistenti f’xogholijiet rimedjali u hlasijiet zejda professjonali.

“Jghidu l-konvenuti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex din il-Qorti m’ghandiex:

“1. Tiddikjara lill-konvenuti perit Philip u Louisa Grech responsabbli ghal-hsarat sofferti minnhom konsistenti f’ ‘overdesign’ kif ukoll fi hlasijiet zejda li huma ghamlu lill-kuntratturi ghal bini tal-fond El Shaddai B’Kara Road, Attard

"2. Tillikwida l-hsarat sofferti mill-atturi b'tort tal-Perit Philip u Louisa Grech fis-somma ta' Lm5909.37 oltre l-imghax legali mil-15 ta' Lulju 2001 u dan skond stima mahruga mil-Perit Philip Azzopardi datata 18 ta' Dicembru 2002 hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A inkluz spejjez professjonali zejda.

"3. Tikkundanna lill-konvenuti perit Philip u Louis Grech ihallsu lill-atturi s-somma ta' Lm5909.37 oltre l-imghax legali mil-15 ta' Lulju 2001 ghal 'overdesign' kif ukoll fi hlasijiet zejda li huma ghamlu sia lill-kuntratturi ghal-bini tal-fond El Shaddai B'Kara Road, Attard u lill-terzi

"4. Tiddikjara lill-konvenuti solidalment bejniethom responsabbli ghal-hsarat kollha sofferti mill-atturi ghax-xogholijiet li ma sarux skond is-sengha u l-arti fost affarijiet ohra ghat-tqeghid ta' travu iqsar minn dak li suppost tant li qed jikkawza konsenturi kif ukoll hsarat ohra lill-atturi

"5. Tillikwida l-hsara sofferta mill-atturi b'tort tal-konvenuti solidalment bejniethom ghat-tqeghid tat-travu iqsar minn dak li suppost fil-binja fuq imsemmija u ta' hsarat ohra li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza

"6. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom biex ihallsu lill-atturi l-hsarat hekk likwidati minhabba xoghol hazin fit-tqeghid ta' travu iqsar minn dak li suppost fil-binja fuq imsemmija kif ukoll ghal-hsarat ohra.

"Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra ufficjali tal-14 ta' Jannar 2003 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni".

Rat li t-tieni talba ġiet ċeduta b'nota appożita;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Perit Philip Grech u martu Louisa Grech li in forza tagħha eċċepew illi:

"1. Illi d-disinji u x-xoghol maghmul taht id-direzzjoni tal-eccipjent Perit Philip Grech kienu skond il-professjoni u skond is-sengha u l-art u ghlahekk it-talbiet kif diretti kontra l-eccipjenti konjugi Grech ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-atturi;

"2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, mhux minnu li sar xi "overdesign" ghall-kostruzzjoni u lanqas mhuwa minnu li fl-esekuzzjoni sar xohgol hazin u mhux skond is-sengha u l-art, billi

fost affarijiet ohra tpogga travu iqsar milli kien mehtieg, u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk l-eccipjenti ma huma responasbbli ghall-ebda danni lejn l-atturi;

“3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri, inkluzi dawk li jistghu jirrisulta wara li l-atturi jippresentaw id-dokumenti imsemmija fid-dokument anness mac-citazzjoni”.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Pisani li in forza tagħha eċċepew illi:

“1. Illi l-eccipjenti Emanuel Pisani u Christian Pisani ezegwew ix-xoghol riferit fl-att tac-citazzjoni skond is-sengha u l-arti u kif diretti biex jaghmlu mill-perit arkitett li kien inkarigat ukoll mill-atturi. Ghalhekk it-talbiet ta’ l-atturi numerati erba’, hamsa u sitta, kif rivolti lejn l-istess eccipjenti, huma insostenibbli.

“2. Bir-riserva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri li jkunu ammissibbli skond il-ligi”.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Mejju, 2006, quddiem l-ewwel Qorti minn fejn jirriżulta li l-partijiet iddikjaraw li wara ċertu ħlasijiet li saru kien jifdal biss li jiġi deċiż jekk teżistix responsabbilità da parti tal-konvenuti Perit Grech u martu fir-rigward tal-kwistjoni tat-travu li skont l-atturi hu aqsar minn kif suppost u qed jikkawża danni;

Rat is-sentenza preliminari li tat il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta’ Ġunju, 2011, li in forza tagħha ddeċidiet il-kwistjoni ta’ responsabbilità billi:

“fl-ewwel lok tilqa r-raba’ talba attriċi biss fil-konfront tal-konvenuti l-Perit Philip u Louisa Grech u tiddikjara li jirriżulta li t-travu in kwistjoni huwa qasir u kwindi x-xogħol relattiv ma sarx skond is-sengħa u l-arti u għal dan huma unikament responsabli l-konvenuti l-Perit Philip u Louisa Grech. Il-likwidazzjoni tad-danni relattivi qed

tithalla in pregudikat bejn il-partijiet koncernati. Fit-tieni lok billi tillibera lill-konvenuti l-ohra kollha mill-osservanza tal-gudizju ghar-rigward tal-istass raba talba tal-atturi. Fit-tielet lok tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet l-ohra kollha stante transazzjoni.

"Spejjez jithallsu kwantu ghal-kwart mill-atturi u kwantu ghal rimanenti tlett kwarti mill-konvenuti konjugi Grech".

Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"In vista tal-imsemmi verbal tas-seduta tas-26 ta' Mejju 2008 fadal biss li tigi deciza l-kwestjoni tar-responsabilta' tal-konvenuti ghal dak li jirrigwarda l-kwesjoni tat-travu u semmai sussegwentement, jekk ikun il-kaz, jigu likwidati d-danni relattivi. Bil-presenti sentenza qed tigi deciza biss l-imsemmija kwestjoni tar-responsabilita' dwar it-travu. It-talba tal-atturi dwar r-rifuzjoni tal-ammonti allegatament imhallsin zejda mill-atturi lill-konvenuti konjugi Grech tidher li giet sorvolata bi ftehim li ntlahaq bejn il-partijiet koncernati. Dwar it-travu l-atturi jallegaw li huma sofrew danni meta l-konvenuti, waqt li kien qed isir il-bini in kwestjoni, poggew travu iqsar milli suppost jew iqsar minn dak li kien mehtieg fic-cirkostanzi tant li bhala konsegwenza zviluppaw konsenturi.

"In vista ta dak li gie premess fil-paragrafu ta qabel dan, it-talbiet tal-atturi, rigwardanti id-dikjarazzjoni tar-responsabilita' tal-konvenuti konjugi Grech ghall-hsarat konsistenti f' "overdesign" kif ukoll ghall-hlasijiet zejda li l-atturi jallegaw li ghamlu lill-kuntratturi mqabdin mill-imsemmija konvenuti Grech ghal bini tal-fond in kwestjoni u li jigu likwidati l-hsarat relattivi sofferti mill-atturi, gew sorvolati billi dwar dawn it-talbiet intlahaq ftehim bejn il-partijiet u ghalhekk il-Qorti gandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta dawn l-istess talbiet. Li ghandhom jigu decizi huma t-talbiet rigwardanti l-msemmi travu u cioe' li jigi dikjarat li l-konvenuti, solidalment bejniethom, huma responsabbli ghal hsarat kollha sofferti mill-atturi ghax-xogholijiet li ma sarux skond is-sengha u l-arti fosthom it-tqeghid ta' travu iqsar minn dak li suppost. In visa tal-imsemmi verbal tal-partijiet din it-talba giet limitata ghal dak li jirrigwarda it-travu. Ovvjament jekk tirrizulta ir-responsabilita' tal-konvenuti, sussegwentement ghandhom jigu likwidati d-danni relattivi. Hi l-fehma tal-partijiet li l-likwidazzjoni tad-danni relattivi ma ssirx f'din is-sentenza u ghalhekk din il-kwestjoni ghandha tithalla in poregudikat u possibilmenmt id-danni jigu likwidati f'gudizzju separate..

"F'dawn il-proceduri gie nominat Perit Tekniku u cioe' l-AIC Godwin Abela bil-fakultajiet kollha soliti. Fir-rapport tieghu l-abbli Perit

Tekniku ikkonkluda li fl-opinjoni tieghu fid-dizinn strutturali maghmul mill-konvenut perit Philip Grech ma' kienx hemm kaz ta' overdesign kif qed jigi allegat mill-atturi u li kien hemm hlas zejjed da parti tal-atturi fl-ammonti indikati mill-istess Perit Tekniku. Din l-ahhar konkluzjoni giet sorvolata tramite ftehim bejn il-partijiet koncernati. Il-Perit Tekniku kkonkluda ukoll li fl-opinjoni tieghu t-travu allegatament qasir fil-fatt ma kienx qasir per se pero' l-mod kif gie ffurmat seta' jindika li kien qasir u dan a bazi tax-xhieda tal-benneja u tad-dokumenti ezibiti mill-konvenut Perit Philip Grech u kwindi skond il-Perit Tekniku l-ispejjez konnessi mat-travi tal-hadid li gew sussegwentement installati minn terzi u liema spejjez jammontaw ghal Lm906.78 m'ghadhomx jigu imhallsa mill-konvenut Perit Philip Grech jew mill-konvenuti l-ohra Chris Pisani u Manwel Pisani. Il-Perit Tekniku, finalment iddikjara li, fl-opinjoni tieghu, il-konvenuti Pisani ezegwew ix-xoghol tal-kostruzzjoni fil-fond tal-atturi skond l-istruzzjonijiet moghtija lilhom mill-konvenut Perit Philip Grech u inoltre dan ix-xoghol, skond il-Perit Tekniku sar skond is-sengha u l-arti.

Il-Perit Tekniku gie eskuz darbtejn mill-atturi. Inoltre l-atturi ppresentaw rapport "ex parte" ippreparat mill-Perit George Chectuti appuntu li gie imqabbad mill-istess atturi, kif ukoll ippresentaw nota ta' osservazzjonijiet limitata pero' għall-kwistjoni li qed tigi deciza bil-presenti sentenza.

"**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

"Kif gia rilevat f'din il-kawza jibqghu biss li jigu decizi t-talbiet attriċi li jikkoncernaw il-kwistjoni tar-responsabbiltà għal travu. L-atturi jallegaw li dan it-travu hu qasir. Wara li giet presentata u konfermata bil-gurament ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku l-atturi ressqu prova ulterjuri bil-ghan li jikkontestaw il-konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku. Kwindi ghandu jigi esaminat u deciz jekk huwiex il-każ li jigu skartati l-konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku dwar it-travu kif kontenuti fir-rapport tal-istess Perit Tekniku. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawża deċiża fit-23 ta' Gunju 1967 fl-ismijiet "Giswalda Bugeja vs Emanuele Muscat et" il-Qorti rrilevat li "għalkemm il-Qorti mhux marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijet tagħha nnifisha, l-konklużjonijiet peritali huma kontrollabbli mill-ġudikant, madankollu "il giudizio dell'arte" espress mit-tekniku ma jistgħax u m'għandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta lilha mogħtija b'talba ta' nomina ta' periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenoke' ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma fil-kumpless kollu taċ-ċirkostanzi irraġonevoli.

"Fil-każ odjern, l-atturi talbu sabiex jigi nominat perit sabiex possibilment ikejjel it-travu in kwistjoni bi strumenti li setghu jservu biex isir tali kejl. Dan il-perit tekniku ma giex nominat. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-26

ta' Ottubru 1959, fl-ismijiet "Marinna Fenech et vs Carmelo Borg et" fejn ġie rilevat li "billi l-ġudizzju tal-perit jiddependi mill-provi, m'għandhomx jiġu ammessi dawk il-provi li ma jkunux saru u ġew prodotti quddiemu, salvi l-eċċezzjonijiet kontemplati fl-art 679 tal-Proċedura Ċivili, b'riferenza għall-art 208 ta' l-istess Kodiċi In effett il-Qoti jidhoirla li, fic-cirkostanzi kollha partikolari ta dan il-kaz, tirrizulta wahda mill-imsemmia eccezzjonijiet li trid il-ligi u cioe din il-Qorti hi sufficjentement sodisfatta li hemm il-htiega u u hemm utilita' li d-dokument esibit mill-imsemmi Perit Chetcuiti jigi kkonsidrat ghal finijiet ta' din is-sentenza. Skond il-ligi dan il-fatt ser jinghata konsiderazzjoni ukoll fid-determinazzjoni tal-kap tal-ispejjez..

"F'dan ir-rigward qed jigi konsidrat ukoll li l-atturi effettivament talbu b'rikors sabiex jigu awtorizzati jaghmlu prova ulterjuri, wara li rrilevaw illi l-perit tekniku AIC Godwin Abela ma użax l-istrumenti ntiżi fis-sengħa biex ikejjel it-travu. Wara li gew debitament awtotizzati l-atturi resqu opinjoni ex parte u cioe' r-rapport maghmul minn perit arkitett maħtur minnhom sabiex jistabbilixxu li l-kejl proprju tat-travu u dan meta fir-rapport tal-Perit Tekniku jidher li tali kejl ma sarx. Hu ghaslhekk opportun li r-rapport tal-Perit Chetcuti jiġi ikkonsidrat ghaliex il-Qorti tqis li hu necessarju u utili li tali rapport jigi konsidrat ghall-finijiet tal-presenti sentenza.

"Ir-rapport tal-Perit Chetcuti sar biex jigu mkejla il-posizzjoni u l-estensjonijiet ta trvu li jinsab fis-sular terren u dan in relazzjoni ta' travu iehor li jinsab taht dak gia imsemmi fil-livell ta "semi-basement." Il-Perit Chetcuti kkonferma li l-istrumenti uzati minnu sabiex isir dan l-esami kienu adegwati sabiex isir kejl akkurat. L-istess Perit ikkonferma li mill-esamijiet li ghamel irrizulta li t-travu li kien qieghed fuq ma kienx qed jistrieh b'mod ezatt fuq dak ta' taht. L-istess Perit innota ukoll li l-imsemmija zewg travi jidhru adegwatament disinjati biex ifilhu l-pizijiet in kwestjoni, pero skond hu l-posizzjoni, l-alignment u l-estensjonijiet u l-mod kif tqabdu bejn xulxin it-travi, fejn il-wisa tat-travi ma jaqbilx, jistghu kienu il-kagun tal-moviment li sar fil-hitan.

"Il-Perit Tekniku dwar dawn il-konkluzjonijiet ikkonferma li hu wasal ghall-istess konkluzjonijiet bl-eccezzjoni li huwa ħass illi fi kwalunkwe kaz xorta wahda wiehed ma jistax ikun cert dwar it-tul effettiv tat-travu in kwestjoni. Il-Perit Tekniku pero' qal ukoll li kien irriżultalu li lill-konvenut Perit Philip Grech kien ġieh xi dubju dwar dan it-travu u għalhekk l-istess konvenut Perit Grech kien ordna li isir xogħol rimedjali u in effett ġew infilzati żewġ travi żgħar. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti thoss li, in vista tal-imsemmijha konkluzjonijiet tal-Perit Chetcuti, ma tistax taqbel mat-tielet konkluzjoni tal-Perit Tekniku meta dan ikkonkluda li fl-opinjoni tieghu "t-travu allegatament qasir fil-fatt ma kienx qasir per se pero' l-mod kif gie ffurmat seta' jindika li kien qasir u dan a bazi tax-xhieda tal-bennejja u tad-dokumenti ezibiti mill-konvenut Perit Philip Grech." Kwindi skond il-Perit Tekniku "l-ispejjez konnessi mat-travi tal-hadid li gew

sussegwentement installati minn terzi u liema spejjez jammontaw ghal Lm906.78 m'ghadhomx jigu imhallsa mill-konvenut Perit Philip Grech jew mill-konvenuti l-ohra Chris Pisani u Manwel Pisani." Ghal kuntrarju fl-opnjoni tal-Qorti hi li jirrizulta li t-travu in kwestjoni kien qasir u r-responsabilita' talli t-travu kellu d-difett allegat mill-atturi hi tal-konveuti konjugi Grech. Il-Qorti taqbel ma konkluzjoni ohra li wasal ghalih l-Perit Tekniku fis-sens li l-konvenuti Pisani ezegwew ix-xoghol tal-kostruzzjoni fil-fond skond l-istruzzjonijiet moghtija lilhom mill-konvenut Perit Philip Grech.

"In vista ta dan kollu l-konvenuti Pisani m'ghandhomx jitqiesu li huma b'xi mod responsabbli ghal dak li jirrigwarda it-tul tat-travu u f'dan ir-rigward ghandu jigi ritenuti unikament responsabbli l-konvenut il-Perit Philip Grech flimkien ma l-konvenuta l-ohra martu.

"Ghalhekk jirrizulta li saru xogholijiet rimedjali ghar-rigward tad-difett fit-travu. Ma jirrizultax pero' jekk dawn ix-xogholijiet rimedjali kienux bizzejjed biex jigu eliminati ghal kollox id-difetti konnessi mat-tul tat-travu. Gie stabbilit li r-resposabilita' ghad-difetti konnessi mat-travu hi tal-konvenuti konjugi Grech u skond ix-xewqa tal-partijiet il-likwadazzjoni tad-danni relattivi mhux ser issir f'din is-sentenza izda din il-kwestjoni qed tithalla in pregudikat bejn il-partijiet u semmai tigi deciza f'gudizzju iehor".

Rat is-sentenza finali li tat l-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Mejju, 2013, li in forza tagħha ddeċidiet ir-rimanenti talbiet li kienu għadhom mhux deċiżi billi:

"tilqa l-istess talbiet u tiddikjara li l-konvenuti Perit Philip Grech u martu Louisa huma responsabbli ghal-hsarat sofferti mill-atturi fir-rigward ta' xogholijiet li ma sarux skond is-sengha u l-arti rigwardanti t-tqeghid ta' travu li kien iqsar minn kif suppost u tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' euro elf sitt mija u sittax u tliet centezmi (€1616.03) u konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenuti Perit Philip Gech u martu jhallsu l-imsemmija somma ta' euro elf sitt mija u sittax u tliet centezmi (€1616.03) bhala danni likwidati kif fuq jinghad u dan bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tal-14 ta' Jannar 2003, cioe' d-data tal-ittra ufficjali li ntbghatet lill-imsemmija konvenuti mill-atturi, sad-data tal-effettiv pagament.

"L-ispejjez kollha rigwardanti l-proceduri li wasslu ghal din is-sentenza jithallsu mill-istess konvenuti Perit Philip Grech u martu".

Dik il-Qorti tat is-sentenza finali tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Bil presenti sentenza qed jigu likwidati d-danni sofferti mill-atturi minhabba li travu minnhom fil-binja in kwestjoni hu iqsa minn dak li suppost.
>
> "Il-Perit Tekniku Alan Saliba, fir-rapport tieghu, kkonkluda li filwaqt li l-atturi qed jippretendu li d-danni minnhom sofferti in konsegwenza tal-fatt li t-travu ma kienx twil kemm suppost jammontaw ghal euro elfejn mija u tnax u tlieta u ghoxrin centezmu (€2112.23) mentri skond hu l-ammont ta' danni jammontaw ghas-somma ta' euro elf sitt mija u sittax u tliet centezmi (€1616.03).
>
> "Il-Qorti esaminat l-imsemmi rapport tal-AIC Alan Saliba u tikkonkludi li taqbel mal-kostatazzjonijiet u mal-konkluzjoniet tal-istess Perit Tekniku u kwindi d-danni in kwestjoni ghandhom jigu likwidati fl-imsemmija somma ta' euro elf sitt mija u sittax u tliet centezmi (€1616.03). Ghalhekk il-Qorti qed tadotta l-istess kostatazzjoniet u konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku u taghmillhom taghha.

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti konjugi Grech li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti jogħġobha:

> "..thassar u tirrevoka s-sentenza ta' l-10 ta' Gunju, 2011 u s-sentenza tat-3 ta' Mejju, 2013, it-tnejn moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi, u konsegwentement, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-appellanti, tichad it-talbiet tal-appellati, bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-istess appellati".

Rat ir-risposta tal-atturi li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnhom premessi, jissottomettu li:

> "..is-sentenzi moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti tal-10 ta' Gunju 2011u tat-3 ta' Mejju fl-ismijiet premessi huma gusti u jimmeritaw konferma, u b'dan din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-appell tal-konvenuti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti".

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi f'din il-kawża jirriżulta li l-atturi qabbdu lill-perit Grech sabiex jissorvelja u jieħu ħsieb il-bini ta' fond ġewwa H'Attard. Il-kwistjoni hija limitata għat-travu li, skont l-atturi, ġie ordnat li jsir mill-perit konvenut fil-basement tal-fond, liema tqegħid sar mhux skont is-sengħa u l-arti, fost affarijiet oħra b'riferenza għat-tqegħid ta' travu aqsar minn dak li suppost, liema xogħolijiet ħżiena wasslu għall-ħsarat fil-fond tal-atturi. L-ewwel Qorti qabbdet perit tekniku biex iħejji opinjoni fuq din il-materja li rrelata li t-travu allegatament qasir ma kienx qasir per se, pero`, il-mod kif ġie iffurmat, seta' jindika li kien qasir. Hu aċċetta, iżda, li ż-żewġ travi li intużaw jidhru adegwatament disinjati biex jifilħu l-piżijiet in kwistjoni, pero`, il-posizzjoni, l-*alignment* u l-estensjonijiet, u l-mod kif tqabbdu bejn xulxin it-travi, fejn il-wisgha tat-travi ma jaqbilx, jistgħu kienu l-kagun tal-moviment li sar fil-ħitan tal-fond tal-attriċi.

Wara li ġiet ippreżentata din l-opinjoni, l-atturi, bil-permess tal-ewwel Qorti (digriet li minnu ma sar ebda appell), ressqu rapport imħejji minn perit imqabbad minnhom. Dan il-perit irrelata li t-travu ma ġiex

imkejjel mill-perit tekniku b'istrumenti adegwati, u skont hu, wara li ħa l-kejl opportun, irriżultalu li t-travu kien iqsar milli suppost, u innota diffetti fit-tqegħid tat-travi, difetti li, kif ingħad qabel, aċċetta li jeżistu l-perit tekniku.

L-ewwel Qorti meta qieset il-provi kollha prodotti qablet mat-teżi attriċi li t-travu kien qasir, bir-responsabbilità għal dan tkun tal-perit Grech; il-konvenuti Grech ġew sussegwentement ikkundannati jħallsu lill-atturi s-somma ta' €1,616.03 bħala danni.

Il-konvenuti konjuġi Grech appellaw mis-sentenzi billi jsostnu li l-konklużjoni tal-perit tekniku li t-travu ma kienx qasir hi ċara u inekwivoka, u dik l-opinjoni ma kellhiex tiġi skartata.

Trattat l-appell, din il-Qorti tirrileva li l-opinjoni ta' perit tekniku hija prova bħal kull prova oħra, li ġeneralment ma tiġix disturbata u tkun aċċettata mill-Qorti, sakemm ma jirrizultalhiex cirkostanzi u provi oħra, preferibbilment, ta' natura teknika, li jwassluha tiddipartixxi mill-konklużjoni peritali. Huwa dan preċiż li għamlet l-ewwel Qorti. Apparti l-prova mressqa mill-perit tekniku, hija kellha prova oħra, ta' natura teknika, li kienet tikkozza mal-opinjoni tal-perit tekniku, u meta qieset ir-reżultanzi tal-provi kollha, dehrilha li kellha fejn toqgħod fuq dik il-veduta tal-perit *ex parte* li t-travu kien qasir. Dan, l-ewwel Qorti,

setgħet tagħmlu u din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel Qorti.

Meta tqis li jirriżultaw dubji dwar kif il-perit tekniku kejjel it-travu, li, bħala fatt, kienu jirriżultaw ċerti difetti dwar kif tpoġġew it-travi, li seħħ moviment fil-ħitan ta-fond tal-atturi, u li xi ħadd ordna *xogħol rimedjali* fuq it-travu, din il-Qorti tikkondividi l-konklużjoni li x-xogħol relatat mat-travu sar ħażin. Tenut kont tal-apparat użat mill-perit *ex parte* tal-atturi, jirriżulta li r-rapport tiegħu huwa aktar attendibbli minn dak tal-perit tekniku li, milli jidher, mexa fuq supposizzjonijiet, u ħin minnhom, stqarr li fi kwalunkwe każ xorta waħda wieħed ma jistax ikun ċert dwar it-tul effettiv tat-travu in kwistjoni; min-naħa l-oħra, il-perit imqabbad mill-atturi kien ċert li t-travu in partikolari kien qasir.

Din il-Qorti tirrimarka li l-azzjoni attriċi ma kenitx bażata esklussivament fuq l-allegat qosor tat-travu, iżda li sar xogħol ħażin u mhux skont is-sengħa u l-arti mill-konvenuti, u ċioe`, <u>fost l-affarijiet oħra</u>, talli tpoġġa travu iqsar milli dak li kien meħtieġ. Ir-responsabbilità li x-xogħol isir sew hija, f'kull każ, tal-perit imqabbad jissorvelja l-bini, li għandu mhux biss jordna l-materjal opportun, iżda għandu hu stess jissorvelja u jara li fil-fatt jintuża' l-materjal li ordna u li jitqiegħed kif suppost. Kif inhi intavolata l-azzjoni, ma jista' jkun hemm ebda dubju dwar ir-responsabbilità tal-perit Grech għall-

akkadut, għax hu kellu dover jara li x-xogħol isir skont l-arti u s-sengħa u li jagħti rizultat utili lil min qabbdu jesegwixxi l-bini tal-fond tal-atturi.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuti konjuġi Grech billi tiċħad l-istess u tikkonferma fis-shih iż-żewġ sentenzi li tat l-ewwel Qorti f'din il-kawża.

L-ispejjeż in prim istanza jitħallsu kif stabbilit mill-ewwel Qorti, waqt li dawk marbuta ma' dan l-appell jitħallsu mill-konvenuti konjuġi Grech *in solidum*.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb